

għal reati fiskali tkun rilevanti, id-deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' żieda fit-taxxa tīġi ttrasferita mingħand l-i-Skatteverket u, jekk ikun il-każ, mingħand il-qrat amministrattivi, lill-qrat ordinariji inkonnessjoni mal-eżami tagħhom tal-akkuża għal reati fiskali?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (ir-Repubblika tal-Latvja) fid-29 ta' Diċembru 2010 — Trade Agency Ltd vs Seramico Investments Ltd

(**Kawża C-619/10**)

(2011/C 72/25)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākās tiesas Senāts

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Trade Agency Ltd

Konvenuta: Seramico Investments Ltd

Domandi preliminari

(1) Meta deċiżjoni ta' qorti barranija tkun akkumpanjata mill-formola prevista fl-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 44/2001 (¹), iżda minkejja dan il-konvenut jikkontesta li ma ġiex innotifikat bl-azzjoni ġudizzjarja mressqa fl-Istat Membru ta' oriġini tad-deċiżjoni, il-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni hija kompetenti, meta tanalizza raġuni għal rifxut ta' rikonoxximent prevista fl-Artikolu 34(2), tar-Regolament Nru 44/2001, li tivverifika hija stess jekk l-informazzjoni li tinsab fil-formola hijiex konformi mal-provi? Ġurisdizzjoni daqshekk wiesgħa tal-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni hija konformi mal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja stabbilit fil-premessi 16 u 17 tar-Regolament Nru 44/2001?

(2) Deċiżjoni mogħtija fil-kontumaċċa, li permezz tagħha l-kwistjoni dwar il-mertu tīġi deċiżja mingħajr ma jiġu eżamini li s-suġġett tat-talba u lanqas il-bażi tagħha u li ma tesponi ebda argument fuq il-fondatezza tar-rikors firrigward tal-mertu, hija konformi mal-Artikolu 47 tal-Karta u tirrispetta d-dritt tal-konvenut għal smiġi xieraq, kif stabilit minn din id-dispożizzjoni?

¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen (I-Svezja) fis-27 ta' Diċembru 2010 — Migrationsverket vs Nuriye Kastrati, Valdrina Kastrati, Valdrin Kastrati

(**Kawża C-620/10**)

(2011/C 72/26)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen (I-Svezja).

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Migrationsverket.

Konvenuti: Nuriye Kastrati, Valdrina Kastrati, Valdrin Kastrati.

Domandi preliminari

- (1) Fid-dawl, b'mod partikolari, ta' dak li jipprevedi l-Artikolu 5(1) tiegħu, u/jew tan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tmiem tar-responsabbilità sabiex tīġi eżaminata applikazzjoni għall-ażil minbarra t-tieni inċiż tal-Artikolu 4(5), u l-Artikolu 16(3) u (4), ir-Regolament Nru 343/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-irtirar ta' applikazzjoni għall-ażil jaffettwa l-possibbiltà tal-applikazzjoni tiegħu?
 - (2) L-istadju ta' trattament tal-applikazzjoni għall-ażil li fih isir l-irtirar ta' dik it-talba jaffettwa r-risposta għall-ewwel domanda?
-

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Varna (il-Bulgarija) fid-29 ta' Diċembru 2010 — “Balkan and Sea Properties” ADSITS vs Direttur tal-Uffiċċju ta' Varna “Appelli u l-Amministrazzjoni tal-Eżekuzzjoni” (Direktor na Direktsia “Obzhavane i upravlenie na izpalnenieto” — Varna)

(**Kawża C-621/10**)

(2011/C 72/27)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgarija

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Varna